**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 776/2020 MS*

**Just Noise Limited**

**Vs.**

**Christian Debono, eżerċitant tal-kummerċ**
**Victory Costumes**

Illum, 15 ta' Lulju, 2024

Kawża Numru: 9

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fil-31 t'Awwissu, 2020, li bih wara li ppremettiet dan li ġej:

> Illi s-soċjeta' Just Noise Limited (minn hawn il-quddiem ir-rikorrenti), hija soċjeta' inkorporata ġewwa Malta, li *inter alia* topera fil-produzzjoni, distribuzzjoni, direzzjoni u l-

isfruttament kummerċjali u affariiet oħra anċillari ta' *motion films;*

Illi fil-kors tax-xogħol tagħha, s-soċjeta' rikorrenti *inter alia* ingaġġat is-servizzi ta' Christian Debono (minn hawn il-quddiem l-intimat), liema persuna huwa eżerċitanti l-kummerċ *Victory Costumes*, sabiex jipprovdi diversi kostumi fl-għamla ta' uniformijiet militari ta' epoka passata, flimkien ma' aċċessorji li kellhom jiffurmaw parti mill-kostumi, u dana bil-ħsieb li jintuzaw fi produzzjoni li l-istess soċjeta' rikorrenti kienet involuta fiha;

Illi fil-kors tal-ingaġġ tal-intimat, saru varji diskussjonijiet fil-forma ta' laqgħat u skambji ta' *emails* sabiex jiġi aċċertat il-kwalita' u t-tipoloġija tal-kostumi illi għandhom jiġu suppliti, inkluż karatteristiċi diversi, li jinkludu kuluri, disinnji, qisien u l-materjali li kellhom jiġu użati;

Illi in oltre, minħabba l-kumplessita, kif ukoll il-livell ta' dettal meħtieġ f'dan il-livell ta' produzzjonijiet, ġie ingaġġat *uniform historian* sabiex jispjega kjarament ir-rekwiżiti ta' kif għandhom jigu maħduma u provduti l-kostumi;

Illi minkejja s-suespost u minkejja l-istruzzjonijiet ċari u l-konferma da parti tal-intimat li seta jissuplixxi dak meħtieg fl-għamla, fil-kwalita' u fil-kwantita' rikjesta il-kostumi provduti ma kienux jaqblu mar-rekwiżiti pattwiti bejn il-partijiet, senjatament, l-uniformijiet kienu ivarjaw fil-kulur, il-kwalita' ma kienitx sodisfaċenti u varji nuqqasijiet oħra li ilkoll ġew mgħarrfa lil intimat;

Illi fost l-aċċessorji li ġew fornuti, kien hemm minnhom li terġa kienu mkissrin jew inkella ma kinux ta' materjal tajjeb, li konsegwentement bdew faċilment jinkisru u għalhekk ma setgħux ikunu użati fil-produzzjoni;

Illi l-intimat ġie interpellat diversi drabi sabiex jaderixxi ma' dak maqbul u ġie ukoll mgħarraf bil-konsegwenza li jekk mhux ser jissupplixxi kif maqbul u entru t-termini mifthema, kien ser ikun hemm riperkussjonijiet finanzjarji sostanzjali sabiex tali nuqqasijiet jiġu rimedjati;

Illi minkejja dan, l-intimat baqa inadempjenti;

Illi kawża ta' dan in-nuqqas da parti tal-intimat, is-socjeta' rikorrenti kellha tixtri kostumi u aċċessorji ġodda jew inkella tissellef kostumi ulterjuri fl-aħħar minuta, liema kostumi kellhom bżonn diversi alterazzjonijiet;

Illi apparti dan diversi ħajjata, ġew ingaġġati sabiex jipprovdu s-servizzi tagħhom fil-produzzjoni, kellhom jaħdmu diversi siegħat żejda sabiex iwettqu alterazzjonijiet lil dawn il-kostumi li ma ġewx fornuti skond il-ftehim pattwit u skond is-sengħa u l-arti mill-intimat;

Illi l-produzzjoni kienet marbuta b'diversi skadenzi, li magħhom kienu jabbinaw diversi penali li kienu ser jiġu imposti ġialadarba dawn l-iskadenzi ma jiġux osservati;

Illi x-xiri jew self ta' kostumi u aċċessorji ulterjuri, kif ukoll l-isforzi tal-ħaddiema u ħajjata ingaġġati ma kienx ser ikun bizejjed sabiex il-produzzjoni tosserva l-iskadenzi pattwiti;

Illi minħabba l-iskadenzi, s-soċjeta' rikorrenti setgħet tipprovdi biss għal numru żgħir ta' kostumi, prinċiparjament, għal dawk tal-atturi prinċipali;

Illi għal din ir-raġuni u hekk kif kien hemm diversi kostumi li fi żmien qasir ma setgħux jiġu alterati, is-soċjeta' rikorrenti kellha tingaġġa lil Monolith Productions Ltd. (C 73610) sabiex tipprovdi xogħol ta' editjar diġitali tal-filmat, liema xogħol kien jinkludi *inter alia* l-aġġustamenti tal-kostumi tal-atturi fil-produzzjoni, kif ukoll il-korrezzjoni tal-kuluri ta' dawn l-istess kostumi;

Illi dan l-editjar diġitali sewa lis-socjeta' rikorrenti l-ammont kumplessiv u addizzjonali ta' tmintax -il elf Ewro (€18, 500) kif jidher fl-invoice annessa u mmarkata bhala **Dok JNS1**;

Illi minkejja dan kollu, l-intimat, diġa tħallas ammont konsiderevoli ta' flus mis-socjeta' rikorrenti;

Illi dan kollu sopraċitat, se jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża odjerna

għaddiet biex titlob lill-Qorti jogħġobha:

1) Tiddikjara, li l-intimat permezz tal-aġir, komportament u/jew nuqqasijiet tiegħu, jew b'xi mod attribwibbli lilu, *in toto* jew *in parte* ikkaġuna danni lis-soċjeta' Just Noise Limited (C92108);

2) Tillikwida, permezz tal-ħatra ta' periti nominandi d-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti;

3) Tikkundanna, lill-intimat Christian Debono iħallas l-ammont hekk kif preċedentement ġie illikwidat.

> Bl-interessi u bl-ispejjeż, inkluż tal-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1044 / 2020 intavolat nhar l-għaxra (10) t'Awwissu 2020.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenut fil-15 t'Ottubru 2020, li permezz tagħha huwa eċċepixxa:

> 1. Illi fl-ewwel lok, in-nullita tal-azzjoni stante li s-socjeta attrici mhux rapprezentata skond ma jitlob il-Memorandum and Articles of Association tal-istess socjeta;
>
> 2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta attrici ghandha ggib il-prova neccessarja li l-esponenti naqas b'xi mod minn dak li kien obliga ruhhu li jissuplixxi u li kkawza danni lis-socjeta rikorrenti bl-agir, komportament jew nuqqasijiet tieghu;
>
> 3. Illi wkoll is-socjeta attrici ghandha ggib il-prova li tali danni effettivament thalsu minnha;
>
> 4. Illi fi kwalsiasi kaz is-socjeta attrici ghandha ggib il-prova li hija nfurmat lill- esponenti bl-allegat nuqqasijiet u bl-azzjoni rimedjali li tgħid li ghamlet, qabel ma ghaddiet biex taghmel l-azzjoni rimedjali li tgħid li ghamlet;
>
> 5. Illi fi kwalsiasi kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u huma biss insinwazzjonijiet u skuzi ohra fil-linja ta' skuzi li s-socjeta attrici resqet l'quddiem sabiex ma thallasx dak minnha dovut, tenut kont ukoll li l-allegata invoice, giet mahruga ftit wara li l-esponenti intavola ittra ufficjali (417/2020) sabiex jithallas ghas-servizzi minnu rezi lis-socjeta attrici;
>
> 6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi

3. Rat id-dikriet mogħti fil-5 ta' Novembru 2020 fuq talba tal-avukati tal-kontendenti li bih ġie ordnat li l-provi mressqa fil-kawża bin-numru 71/2020 VGA fl-ismijiet inversi jkunu jgħoddu wkoll għall-kawża odjerna;

4. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali tal-kawża fl-intier tagħhom;

5. Rat ukoll l-atti tal-kawża bin-numru 71/2020 VGA;

6. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

7. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija kawża mressqa mill-attriċi kontra l-konvenut għar-riżarċiment ta' ħsarat u telf li hija tgħid li ġarrbet b'konsegwenza ta' ksur ta' dmirijiet assunti mill-konvenut b'kuntratt orali.

9. Il-fatti rilevanti kif jemerġu mill-provi huma dawn.

10. L-attriċi topera fis-settur ċinematografiku, u tħajret tagħmel produzzjoni li kienet sejra tinvolvi kostumi u armi fittizji relattivi għal epoka storika partikolari. Għal dan il-għan, f'April tas-sena elfejn u dsatax (2019) hija avviċinat lil Stephen Petroni li kien jopera bid-ditta "Lock, Stock and Barrel" sabiex dan jipprovdiha b'dak li kellha bżonn rigward kostumi u armi, kif ingħad[1]. F'laqgħa li nżammet bejn Jean Pierre Magro, direttur tal-attriċi, l-assistenta tiegħu, Stephen Petroni u Colin Micallef, il-konsulent militari tal-attriċi, Petroni kien informa lil Magro li l-kostumi neċessarji għall-produzzjoni tagħha kienu se jiġu provduti mill-konvenut. Il-konvenut, tgħid l-attriċi[2], kien introdott lilha bħala espert fil-qasam, iżda kien ostili lejn l-involviment ta' Colin Micallef.

11. Il-konvenut min-naħa l-oħra xehed li fil-bidu tal-inkarigu mogħti lilu, huwa ma ġie provdut b'ebda direzzjoni mill-attriċi dwar id-dettalji tal-kostumi li kellha bżonn, tant li kellu jagħmel ir-riċerka kollha hu[3]. Skont il-konvenut, Colin Micallef ġie nvolut biss f'Awwissu 2019, meta l-materjal kien diġà nxtara. Jgħid li Micallef ried jagħmel xi tibdiliet, u konsegwenza t'hekk kellu jwaqqaf ix-xogħol tal-produzzjoni għal ġimgħatejn, sabiex jinħadem sett ta' kull uniformi u tkun tista' tiġi murija u approvata

[1] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Jean Pierre Magro, a fol.13.
[2] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Jean Pierre Magro, a fol.13.
[3] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.157.

minn Micallef[4]. Il-konvenut jgħid li wara li ġie nvolut Micallef, beda jieħu d-direzzjonijiet mingħandu dwar l-uniformijiet tal-fizzjali u tas-suldati.

12. Micallef però xehed li huwa kien ġie avviċinat mill-attriċi sa mill-bidu nett, tant li kien anke prepara faxxikolu bir-ritratti u diżinni ta' kif kellhom ikunu l-uniformijiet. Huwa kien għadda dan il-faxxikolu lil wieħed mid-diretturi tal-attriċi, u ma sema' xejn aktar għal xi żmien, sakemm ġie mitkellem biex jattendi laqgħa urġentement fejn kien preżenti anki l-konvenut[5]. Kien biss Pedja Miletic li, f'kontro-eżami, qal li l-konvenut kien ingħata "rapport" meta ġie nkarigat[6].

13. Jidher li Petroni talab lill-attriċi depożitu fl-ammont ta' €14,000. Skont Petroni, għaxart elef Ewro minn dan id-depożitu tħallsu lill-konvenut[7]. Petroni xehed li sa fejn jaf hu, l-ftehim bejn l-attriċi u l-konvenut kien li l-konvenut se jikri l-kostumi lill-attriċi skont il-kampjuni li ġew sottomessi mill-konvenut u approvati mill-attriċi, u skont il-qisien provduti mill-attriċi[8].

14. Skont Magro, matul is-sajf ta' dik l-istess sena, il-konvenut kien staqsa lill-assistenta ta' Magro jekk kienx jippreżenta diffikultà l-fatt li t-tunika u l-qalziet tal-istess uniformi jkollhom kuluri differenti, peress li fil-bidu tas-seklu għoxrin – li kien iż-żmien riferibbli għall-produzzjoni in meritu – l-uniformijiet tas-suldati Ingliżi kienu jinxtraw minn provdituri differenti u b'hekk kienu jkunu mfasslin minn materjal differenti u jkollhom kulur differenti. Din il-proposta tal-konvenut ma ġietx aċċettata mill-attriċi, anki fuq parir tal-konsulent militari tagħhom, Colin Micallef, li sostna li l-premessa fattwali tal-konvenut kienet żbaljata. Meta xehdet Sefora Mannino, l-assistenta ta' Magro, irriżulta però li ma kienx il-konvenut li staqsa biex il-materjal ikun differenti. Kienet l-istess Mannino li kkomunikat mal-konvenut sabiex twaqqfu milli jgħaqqad l-uniformijiet b'materjali differenti, wara li ġiet avżata minn Colin Micallef b'dak li kien qed jagħmel il-konvenut[9].

---

[4] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.158.
[5] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Colin Micallef, minn fol.224-225.
[6] Ara a tergo ta' fol.229.
[7] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Sefora Mannino, a fol.37, kif ukoll ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.158.
[8] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Stephen Petroni, preżentat b'nota tat-22 ta' Settembru 2022 fl-atti tal-kawża bin-numru 71/2020 VGA.
[9] Ara fol.37.

15. L-attriċi tkompli tgħid li f'Awwissu tal-istess sena, kien hemm laqgħa mal-konvenut fejn hija talbitu skont. Il-konvenut m'aċċettax għaliex sostna li kien diġà qed jipprovdi s-servizzi tiegħu bl-inqas rati possibbli sabiex jassikura l-ogħla kwalità ta' uniformijiet. Skont l-attriċi, ntlaħaq ftehim dwar skont wara li wiegħdet lill-konvenut li se tkun qed tagħtih żewġ uniformijiet iffirmati minn żewġ artisti ta' fama internazzjonali u li kienu nvoluti fil-produzzjoni tagħha, li bihom il-konvenut seta' jaqla' l-flus[10].

16. Il-konvenut xehed li huwa kien bagħat lill-attriċi, permezz ta' Stephen Petroni, kampjuni tal-uniformijiet li kien tqabbad jipprovdi. Il-preżentazzjoni ta' dawn il-kampjuni ppreċeda l-ħlas tad-depożitu. Il-qisien tal-kostumi ġew konfermati lilu minn Sefora Mannino fl-aħħar ta' Lulju 2019. Dwar il-kostumi li kellhom jintlibsu mill-*extras*, peress li l-qisien ma kienux għadhom magħrufa, kien hemm qbil li dawn jiġu ordnati b'qisien aktar komuni, u ftit akbar sabiex dawn ikunu jistgħu jitranġaw wara li jiġu pruvati[11].

17. Il-kostumi kellhom jiġu provduti sal-4 ta' Settembru 2019, skont l-attriċi[12]. L-attriċi tgħid li din id-data kienet ta' mportanza kbira għaliha, peress li l-artisti li kienu se jipparteċipaw fil-produzzjoni kienu disponibbli biss għal ċerti ġranet speċifiċi. L-attriċi tgħid li l-konvenut ma żammx ma' din id-data.

18. Il-konvenut min-naħa tiegħu xehed li l-kampjuni għall-approvazzjoni waslu Malta fl-14 t'Awwissu 2019, u hu mmedjatament iltaqa' ma' Petroni u Micallef, li talbu biss tibdil żgħir[13]. Fis-26 t'Awwissu 2019, il-konvenut ġie msejjaħ għal laqgħa mal-produtturi, fejn ħa miegħu sett minn kull uniformi u wera kampjuni tal-materjal li kien se jintuża. Dawn kollha, jgħid il-konvenut, kienu ġew konfermati lilu[14]. L-uniformijiet kollha, jgħid il-konvenut, ġew konsenjati minnu fiż-żmien miftiehem.

19. Meta waslu l-kostumi, l-attriċi tgħid li dawn ma kienux tal-kwalità mwiegħda lilha u l-miżuri kienu żbaljati, tant li anki l-artisti prinċipali nvoluti fil-produzzjoni kienu

---

[10] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Jean Pierre Magro, a fol.13-14.
[11] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.158.
[12] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Jean Pierre Magro, a fol.14.
[13] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.159.
[14] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.159.

diżappuntati, u wieħed minnhom saħanistra ma riedx jidher aktar fil-produzzjoni[15]. Il-problema dwar il-kwalità kienet tirrigwarda prinċipalment il-materjal. Il-qomos kienu kważi trasparenti, u l-kwalità inferjuri tagħhom kienu jaffettwaw il-kwalità tal-ħoss waqt il-produzzjoni. It-tuniċi kienu qosra wisq, il-buttuni żgħar wisq u jinqalgħu malajr. Il-kostumi kienu wkoll ċkienu wara li ġew maħsula. L-attriċi tgħid li l-ħasil sar skont l-istruzzjonijiet tal-konvenut[16]. L-attriċi tgħid li nfurmat lill-konvenut b'dawn in-nuqqasijiet, iżda l-konvenut sostna li huwa għamel l-almu tiegħu[17]. Għalkemm saru tentattivi sabiex il-kostumi in kwistjoni jiġu modifikati mill-ħajjata nkarigati mill-attriċi, ir-riżultati ma kienux sodisfaċenti, anki minħabba l-fatt li l-konvenut ma kienx ordna materjal żejjed[18]. Il-konvenut xehed li ħadd ma qallu li kien hemm bżonn jordna materjal żejjed, u ma ħassx li kellu jordna għaliex il-kostumi kienu *tailored*[19]. L-attriċi tgħid li l-qisien tal-artisti mibgħuta minnha lill-konvenut kienu differenti mill-qisien tal-kostumi konsenjati mill-konvenut[20].

20. Min-naħa l-oħra, l-konvenut xehed li sar jaf li l-qisien tal-kostumi tal-artisti prinċipali ma kienux ġewhom tajbin, iżda kien infurmat li l-uniformijiet ġew ordnati mingħand ħaddieħor, u hu ma ngħatax l-opportunità jivverifika jekk sarx żball min-naħa tiegħu, u f'każ li sar, jirrimedja għalih[21]. Il-konvenut xehed li huwa talab bosta drabi biex jingħata l-qisien tal-kostumi ordnati mill-ġdid, bil-għan li jqabbilhom ma' dawk li kienu ngħataw lilu, iżda dan ma sarx ħlief fir-rigward t'artist wieħed. Meta l-konvenut qabbel il-qisien il-ġodda ma' dawk li kienu ntbgħatulu, intebaħ li f'Lulju kienu intbagħtulu qisien żgħar wisq[22].

21. L-attriċi sostniet li s-sitwazzjoni ġiet salvata biss bl-involviment ta' Colin Micallef, li provda kostum personali tiegħu, u assista lill-attriċi biex takkwista kostumi oħrajn ta' kwalità superjuri, bi spejjeż mhux żgħar, minn provditur f'Dubai. Fil-fatt, l-attriċi tgħid li kellha takkwista tliet kostumi b'dan il-mod, li bl-ispejjeż tal-ispedizzjoni ġew jiswew

[15] Ara wkoll ix-xiehda ta' Giulia Orsi, a fol.34.
[16] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Giulia Orsi, a fol.35.
[17] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Jean Pierre Magro, a fol.14.
[18] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Giulia Orsi, a fol.34.
[19] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-konvenut, a fol.242.
[20] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Giulia Orsi, a fol.34, u x-xiehda tagħha in kontro-eżami, a fol.143.
[21] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.159.
[22] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.159, kif ukoll id-dokument eżebit a fol.172 u dak a fol.174.

madwar €2,800[23]. Sakemm ġew dawn il-kostumi minn Dubai, l-attriċi kellha taħdem bl-uniformijiet li kellha u tinqeda b'servizzi ta' korrezzjoni tal-kulur[24], li swewha ħafna flus[25].

22. Problema oħra bil-kwalità tal-kostumi provduti mill-konvenut kienet tirrigwarda l-elmi tas-suldati, li għalkemm kienu tal-għamla t-tajba, kellhom kulur differenti minn kif suppost, u ma kellhomx ċinga tal-ġilda, kif suppost kienu l-elmi tal-epoka rilevanti. Kellhom ukoll id-daqs kbir wisq[26]. Il-konvenut imbagħad ipprovda elmi alternattivi li jistgħu jintużaw għaliex id-daqs kien tajjeb, iżda ma kienux awtentiċi għall-epoka tal-produzzjoni[27]. Kien hemm anki problema bil-kulur taż-żraben[28], li però ssolviet billi nżebgħu iż-żraben li kellhom kulur ħażin[29].

23. L-attriċi tgħid ukoll li l-konvenut naqas milli jipprovdiha bil-medalji tas-suldati wkoll, iżda dan huwa miċħud mill-konvenut[30].

24. Colin Micallef, il-konsulent militari tal-attriċi, ħejja rapport fuq inkarigu tagħha li fih indika n-nuqqasijiet kollha fil-kostumi provduti mill-konvenut[31].

25. Kif ingħad, l-attriċi sostniet li minħabba dawn in-nuqqasijiet tal-konvenut, kellha tinkorri spejjeż żejda f'korrezzjoni tal-kulur tal-kostumi, ammontanti għas-somma ta' tmintax-il elf u ħames mitt Ewro (€18,500)[32]. Meta xehed Pedja Miletic, dan ikkonferma li tħallas l-ammont ta' €18,500, kif ukoll l-ammont ta' tnejn u tletin elf Ewro (€32,000)[33]. Waqt il-kontro-eżami tiegħu, ippreċiża li l-porzjoni tas-servizzi relattivi li kienu dovuti minħabba n-nuqqasijiet tal-konvenut swew bejn €18,000 u

[23] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Jean Pierre Magro, a fol.14, kif ukoll ix-xiehda bl-affidavit ta' Giulia Orsi, a fol.35, li però tgħid li ġew ordnati u mixtrija erba' kostumi, mhux tlieta.
[24] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Pedja Miletic, a fol.64.
[25] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Aaron Briffa, a fol.61.
[26] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Aaron Briffa, a fol.60.
[27] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Jean Pierre Magro, a fol.15.
[28] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Giulia Orsi, a fol.36, u x-xiehda bl-affidavit ta' Aaron Briffa, a fol.60.
[29] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Colin Micallef, a tergo ta' fol.225.
[30] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.158.
[31] Ara x-xiehda tiegħu bl-affidavit a fol.69, u r-rapport imħejji minnu a fol.70-75.
[32] Ara fol.5.
[33] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Pedja Miletic, a fol.65.

€20,000[34]. Il-kumpanija li eżegwiet is-servizzi ta' korrezzjoni tal-kulur hija ta' Pedja Miletic, li huwa wkoll direttur tal-attriċi[35] u azzjonist indirett benefiċċjarju[36].

26. Wara t-tmiem tal-produzzjoni, jidher li l-uniformijiet in kwistjoni baqgħu fil-pussess tal-attriċi u l-konvenut ma tħallix jeħodhom lura[37].

27. Għalkemm saru laqgħat sabiex it-tilwima bejn il-partijiet tiġi tranżatta, dawn fallew u għalhekk il-konvenut ipproċeda b'kawża kontra l-attriċi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bl-avviż bin-numru 71/2020, li għadha pendenti. Sussegwentement saret din il-kawża.

Ikkunsidrat:

28. Illi esposti l-fatti tal-każ, imiss issa li jiġu kkunsidrati l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u t-talbiet tal-attriċi.

29. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut iddikjara li qed jirtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu billi fil-mori tal-kawża ġiet eżebita r-riżoluzzjoni li turi li min ikkonferma l-att promotur tal-kawża f'isem l-attriċi kien debitament awtorizzat jagħmel hekk.

30. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti mhux se tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

Ikkunsidrat:

31. Niġu mela għall-meritu.

32. Kif ingħad, l-attriċi qed issostni li kien hemm ksur ta' kuntratt min-naħa tal-konvenut. Skont l-attriċi, dan il-ksur ta' kuntratt mhux biss jagħtiha l-jedd li ma tħallasx lill-konvenut il-bilanċ li fadallu jirċievi mingħandha bħala ħlas għas-servizzi reżi minnu, u

[34] Ara fol.133.
[35] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Pedja Miletic, a fol.64, kif ukoll id-dokument eżebit a fol.112 u 113.
[36] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Pedja Miletic, a fol.125.
[37] Ara x-xiehda ta' Alfred Debono permezz tal-affidavit, eżebit b'nota tat-22 ta' Settembru 2022 fl-atti tal-kawża bin-numru 71/2020 VGA, kif ukoll ix-xiehda in kontro-eżami ta' Sefora Mannino, a fol.213.

li qed jintalab permezz tal-kawża bin-numru 70/2020 VGA, imma wkoll il-jedd li tippretendi d-danni mingħandu.

33. L-artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li: «*Kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni*». Kif osservat mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Anthony Richard Calleja noe vs. Joseph Mamo pro et noe*** (4/5/1953)[38]: «*Ma hemmx dubju li d-danni kontrattwali għandhom funzjoni riparatriċi, u ma għandhomx ikunu strumenti ta' piena lill-kontraent inadempjenti, jew ta' lukru indebitu favur il-kontraent l-ieħor, imma biss reintegrazzjoni tal-patrimonju tad-danneġġjat fil-miżura li jkun sofra d-danni*».

34. Illi l-pożizzjoni ġiet imfissra sewwa mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Horizon Terminals Limited vs. Harbour Investments Limited*** (23/2/2022):

> Illi huwa magħruf u aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali ġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat. Meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, jew ma tagħmilhiex sewwa, il-parti l-oħra (jiġifieri, il-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, id-debitur tal-obbligazzjoni). Kreditur ta' obbligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas, liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment

35. L-estensjoni ta' danni li għalihom iwieġeb id-debitur inadempjenti hi materja regolata mill-artikoli 1135, 1136 u 1137 tal-Kodiċi Ċivili, liema disposizzjonijiet jipprovdu dan li ġej :-

> 1135. Bla ħsara tal-eċċezzjonijiet u tat-tibdil kif miġjubin hawn aktar 'il quddiem, id-danni li għandhom jitħallsu lill-

[38] Kollezz. Vol.XXXVII.i.478.

> kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-telf li jkun bata' u l-qligħ li jkun ġie mtellef.
>
> 1136. Id-debitur hu obbligat biss għal dawk id-danni li basar jew li wieħed seta' jobsor fiż-żmien tal-obbligazzjoni, iżda dan kemm-il darba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni ma jkunx ġej minn għemil tiegħu doluż.
>
> 1137. Fil-każ ukoll illi n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun ġej minn għemil doluż tad-debitur, fid-danni dwar it-telf li jkun bata l-kreditur u l-qligħ li hu jkun ġie mtellef, għandhom jidħlu biss dawk id-danni li jkunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tal-obbligazzjoni.

36. Illi b'mod ġenerali, allura, l-kreditur għandu l-jedd għat-telf li jkunu bata (*damnum emergens*) u għall-qligħ li jkun ġie mtellef (*lucrum cessans*). L-estensjoni tad-dritt għal tali riżarċiment huwa ċirkoskritt għal dawk il-ħsarat li kienu prevedibbli fi żmien l-obbligazzjoni, b'dan però li fejn il-ksur kontrattwali jkun naxxenti minn għemil doluż (u mhux sempliċiment *culpa*), jidħlu mhux biss dawk id-danni li kienu previdibbli, imma wkoll dawk li jkunu l-effett immedjat u dirett tal-ksur kontrattwali. «*Huwa magħruf li dina d-disposizzjoni tirriferixxi għad-danni kontrattwali "ex culpa", u mhux "ex dolo", u għalhekk tillimita r-responsabilita' għad-danni li kienu jew setgħu kienu previdibbli mid-debitur, mentri l-artikolu ta' wara (843 Ord.), li jipprevedi l-każ ta' dolo, jgħid li d-danni jestendu għall-ħsara – "loss sustained" – u għall-qliegħ li l-kreditur tilef, purke' jkun konsegwenza immedjata u diretta tan-nuqqas ta' l-obbligazzjoni*» (***Gio Maria Grima vs. Gregorio Zammit***, Appell Superjuri, 15/3/1937)[39]. Dwar l-entità tad-danni kontrattwali riżarċibbli, ingħad: «*Fil-fehma tal-Qorti d-danni kontrattwali ex culpa prevedibbli fil-mument tal-kuntratt ma setgħux ħlief ikunu, f'termini ta' telf, l-erogazzjoni tal-flejjes eżistenti fil-patrimonju tad-danneġġjat. F'termini ta' telf ta' qligħ dan jikkonsisti, skond ġudizzju ta' probabilita, fil-perdita` ta' dawk l-utilitajiet li l-kreditur seta' jikkonsegwixxi kieku l-obbligazzjoni tad-debitur tiegħu ġiet adempita. Dan f'sens konkret u mhux merament ipotetiku*» (***Dr. Jose Herrera noe vs. Gaetano Debattista et noe***, Prim'Awla, 21/4/2004, u kkonfermata salv għal ammont ċkejken ta' danni likwidati fl-appell, fil-25/4/2008). Hekk ukoll, fil-kawża ***Saviour Muscat vs. Sam Pantalleresco*** (Appell Inferjuri, 20/11/2009) intqal: «*Naturalment, in kwantu l-Artikolu 1135 suċċitat isemmi sija t-telf subit sija l-gwadann*

[39] Kollezz. Vol.XXIX.i.927.

*mankat, id-disposizzjoni ma tistax ma tkunx interpretata u intiża bħala espressjoni ta' dak il-prinċipju li ma jkunx riżarċit biss il-valur ta' l-oggett fis-suq iżda, ukoll, il-konsegwenzi patrimonjali negattivi kollha li l-inadempjenza ġġib fis-seħħ. Li jfisser, allura, sija d-dannu emerġenti, kif ukoll il-lucrum cessans. Dan f'sens reali u mhux sempliċement ipotetiku jew dipendenti minn fatturi inċerti*».

37. Illi d-disposizzjonijiet tal-liġi tagħna, fuq ċitati, jikkorrispondu ma' dawk kodifikati permezz tal-artikoli 1227, 1228 u 1229 tal-Kodiċi Ċivili Taljan tal-1865[40]. Fir-rigward, jinsab riċevut dan li ġej: «*L'art. 1227 contempla due specie di danno: il danno emergente e il lucro cessante, dovendo il risarcimento, in dipendenza della colpa contrattuale, estendersi non solo alla perdita sofferta, ma anche il guadagno di cui il creditore fu privato... Gli uni e gli altri pertanto debbono ritenersi compresi nella domanda generica dei danni*» (***Fadda***, Prima Raccolta Completa di Giurisprudenza sul Codice Civile Vol.VI, pġa.418).

38. Illi ma jkunx inopportun ukoll li jsiru xi riferenzi dwar dak li jikkostitwixxi għemil doluż fil-ksur kontrattwali, la darba huwa evidenti mil-liġi li l-estensjoni tar-riżarċiment tad-danni li għalihom ikollu jedd il-kreditur tiddependi mill-qagħda tal-kondotta tad-debitur b'riferenza għall-istess ksur kontrattwali. Dwar din il-materja, il-Qorti ssib rilevanti l-insenjament tal-kittieb awtorevoli ***Giorgi***[41]:

> Come la parola *colpa*, cosi la parola *dolo* ha un senso stretto e un senso largo. Nel senso stretto significa frode, raggiro o macchinazione diretta ad ingannare: e lo troviamo nell'articolo 1115, a proposito dei vizi di consenso. Ma non e' in questo, che si usa nella materia, di cui ragioniamo. Nel senso piu' lato, in cui vogliamo adoperarla adesso, riguardo cioe' al risarcimento del danno per inadempimento di obbligazioni, significa mala fede; e sta a rincontro della colpa in senso proprio, cioe' della negligenza scompagnata da mala fede. Dolo e mala fede sono per conseguenza sinonimi nella materia che ci occupa; ed e' per questa

---

[40] **1227.** I danni sono in genere dovuti al creditore per la perdita sofferta e pel guadagno di cui fu privato, salve le modificazioni ed eccezioni in appresso stabilite.
**1228.** Il debitore non e' tenuto se non ai danni che sono stati previsti o che si sono potuti prevedere al tempo del contratto, quando l'inadempimento dell'obbligazione non derivi da suo dolo.
**1229.** Quantunque l'inadempimento dell'obbligazione derivi da dolo del debitore, i danni relativi alla perdita sofferta dal creditore ed al guadagno di cui fu il medesimo privato, non debbono estendersi se non a cio' che e' una conseguenza immediata e diretta dell'inadempimento dell'obbligazione.
[41] Teoria delle Obbligazioni, Vol.II, §§35,36, 38.

ragione, che negli articoli 1225, 1228 e 1229 del Codice nostro, i due nomi vengono adoperati l'uno per l'altro.
Una forma particolare di dolo dicemmo essere la colpa lata, della quale notammo due specie: la prima che verte nell'usare nell'adempimento dell'obbligazione diligenza minore, che negli affari propri; l'altra la quale consiste nel mancare di quella diligenza, che e' dote ordinaria e comune degli uomini. Quanto alla prima, abbiamo gia esposte[42] le ragioni, per cui si equipara al dolo. Intorno alla seconda, gli argomenti sono facili a capirsi. Chi non usa quelle cure, che le persone anco non fornite di straordinaria diligenza sogliono generalmente usare: chi da ad intendere di non prevedere cio' che tutti prevedono, mostra di essere in mala fede.
*Omissis*
... per costituire in dolo il debitore, basta la sua coscienza di non adempiere la obbligazione

39. Illi din il-fehma kienet kondiviża wkoll fil-ġurisprudenza tagħna. Kemm hu hekk, fid-deċiżjoni ***Neguzjant Salvatore La Rosa De Cristoforo noe vs. Henri Rouselle noe*** (Appell Kummerċjali, 17/2/1936)[43] ġie osservat: «*Infatti, kif inhija ħaġa assodata fid-dottrina u fil-ġurisprudenza, id-dolo f'dawn il-każijiet huwa kostitwit bil-kuxjenza li wieħed ma jagħmilx dak li għandu jagħmel, u mhux neċessarju wkoll, kif erronement huwa ritenut minn xi awturi, li jkun hemm ukoll, oltri l-"animus nocendi", anki l-intenzjoni li tagħmel dannu kontra min qiegħed taġixxi*».

40. Iżda l-obbligu tal-kontraent debitur li jirriżarċixxi lill-kontraent l-ieħor ma jitwelidx qabel ma sseħħ l-inadempjenza tal-kontraent debitur. Id-dottrina legali żżomm li sabiex kontraent jitqies inadempjenti, hu meħtieġ li jintwera li dak l-inadempiment ikun (i) preġudizzjevoli għall-kreditur, (ii) imputabbli lid-debitur, u (iii) imseddaq bil-morożità tad-debitur[44]. Il-liġi stess tipprovdi li fejn l-obbligazzjoni tkun tikkonsisti fl-għoti ta' xi ħaġa, id-debitur ikun fid-dmir li jikkunsinna dik il-ħaġa u li jippreservaha sakemm issir dik il-kunsinna[45]. Id-debitur jitqies minnufih moruż jekk ikun ġie miftiehem żmien

[42] Op cit, §28.
[43] Kollezz. Vol.XXIX.i.1340.
[44] ***Baudry Lacantinerie*** u ***Barde***, Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile: Trattato delle Obbligazioni, Vol.I, §451.
[45] Artikolu 1126(1) tal-Kodiċi Ċivili.

għat-twettiq tal-obbligazzjoni u dak iż-żmien ma jinżammx[46], f'liema każ ir-riskju tal-ħaġa li jkun obbligat jikkunsinna jibqa' fuqu[47].

41. Ġie wkoll diversi drabi deċiż li l-kreditur għandu l-oneru li jipprova r-relazzjoni kontrattwali kif ukoll il-ħsara mġarrba, u r-rabta bejn il-ħsara u l-għemil tad-debitur. Magħmula dawn il-provi, jkun imiss lid-debitur imbagħad biex juri li huwa wettaq id-dmir tiegħu skont il-livell ta' diliġenza applikabbli, kif ukoll li juri li jekk kien hemm nuqqas, dan ma kienx jaħti għalih hu[48].

42. Magħmula dawn l-osservazzjonijiet ta' natura ġenerali, il-Qorti sejra issa tqis il-provi miġjuba mill-kontendenti u tasal għall-konklużjonijiet tagħha dwar il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom.

43. Meqjus il-fatt li kienet l-attriċi li kellha l-oneru li ġġib prova tar-relazzjoni kontrattwali li kellha mal-konvenut kif ukoll tal-kondotta inadempjenti tiegħu, il-Qorti jkollha tosserva li l-provi miġjuba ma jwassluhix għall-konvinċiment li t-talbiet tal-attriċi jixirqilhom jintlaqgħu.

44. Minn dak li fehmet din il-Qorti, ir-rapport oriġinali tal-attriċi kien ma' Stephen Petroni, u kien Petroni li mbagħad qabbad lill-konvenut sabiex jipprovdi l-kostumi mfittxija mill-attriċi. Kemm hu hekk, il-provi juru li l-ħlas akkont magħmul mill-attriċi sar lill-istess Petroni, u kien Petroni li sussegwentement għadda lill-konvenut il-parti tiegħu. Għalhekk jidher li, almenu inizjalment, il-konvenut ġie nvolut bħala sub-kuntrattur ta' Petroni, bl-inkarigu speċifiku dwar il-kostumi msemmija. F'dan ir-rigward, tieħu rilevanza akbar ix-xiehda tal-istess Petroni, mogħtija fl-atti tal-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet inversi, iżda riferibbli wkoll għal dawn il-proċeduri fuq talba konġunta tal-kontendenti, li minnha jirriżulta li l-inkarigu tal-konvenut kien tassew limitat għal kostumi, u li huwa ma tqabbad xejn dwar il-midalji. Dan kuntrarjament għal dak li xehdu bosta mix-xhieda prodotti mill-attriċi, li però ma jidhrux li kienu tant konoxxenti dwar dak li tqabbad jagħmel il-konvenut.

---

[46] Artikolu 1130(1) tal-Kodiċi Ċivili.
[47] Artikolu 1126(2) tal-Kodiċi Ċivili.
[48] Ara f'dan is-sens ***Vincent Gauci et vs. It-Tabib Ewlieni tal-Gvern et*** (Appell Superjuri, 28/6/2019).

45. Maż-żmien, il-konvenut u l-attriċi daħlu f'relazzjoni kontrattwali diretta, li ġiet fis-seħħ bl-adeżjoni tal-partijiet kollha nteressati (ara, per eżempju, ***Studiografik Limited vs. Caxton Printshop Limited et***, Appell Inferjuri, 1/12/2017). Dan tant hu minnu li fil-proċeduri ġudizzjarji li saru fil-konfront ta' xulxin, ħadd mill-kontendenti ma ssolleva l-kwistjoni ta' xi nuqqas ta' relazzjoni ġuridika. Il-ħolqien ta' din ir-relazzjoni kontrattwali diretta huwa għalhekk aċċettat mill-Qorti għaliex huwa l-prodott tal-kunsens impliċitu, jekk mhux espress, tal-kontendenti. Il-konsegwenza ta' dan però huwa li l-attriċi assumiet mal-konvenut relazzjoni kontrattwali fil-parametri li fiha kienet inħolqot oriġinarjament bejn il-konvenut u Petroni. Relazzjoni kontrattwali li l-parametri tagħha setgħu biss jiġu estiżi bil-kunsens tal-kontraenti, u mhux b'rieda unilaterali ta' xi ħadd minnhom.

46. Il-Qorti fehmet mill-provi li l-attriċi kienet inkarigat lil Colin Micallef biex iħejji studju dwar kif għandhom isiru dawn il-kostumi. Micallef xehed li dan l-istudju kien sar, u l-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita mix-xiehda tiegħu. Però Micallef xehed ukoll li ma kienx ġie mitkellem wara li ssottometta l-istudju tiegħu, sakemm kellmu xi ħadd mid-diretturi tal-attriċi li kien taħt l-impressjoni li Micallef kien għadu qed jiġi konsultat, u li bagħat għalih urġentement meta rriżulta li dan ma kienx il-każ. Din ix-xiehda tikkonferma l-pożizzjoni tal-konvenut li hu ltaqa' ma' Micallef <u>wara</u> li ngħata l-inkarigu, u mhux qabel, kif pruvat tagħti x'tifhem l-attriċi. Għalhekk jidher li din ix-xiehda tissuffraga l-pożizzjoni tal-konvenut li għaż-żmien inizjali tal-inkarigu mogħti lilu, huwa kien qiegħed jaġixxi mingħajr id-direzzjoni tal-konsulent militari tal-attriċi, u skont ir-riċerka mħejjija minnu.

47. In-nuqqas tal-attriċi li tagħti d-diżinni mħejjija minn Micallef lill-konvenut huwa nuqqas serju. Għalkemm kif ingħad, Pedja Miletic xehed, waqt it-tieni kontro-eżami tiegħu, li l-konvenut ingħata dan id-dokument, il-Qorti mhux konvinta minn dan, meta tqis li ħadd mix-xhieda prodotti mill-attriċi ma semma dan id-dokument qabel, u wisq inqas ma xehed li dan kien ingħata lill-konvenut. Saħansitra dan id-dokument lanqas biss ġie eżebit mill-attriċi.

48. L-ilmenti ewlenin tal-attriċi kienu jirrigwardaw id-daqs tal-uniformijiet provduti mill-konvenut, kif ukoll il-kulur tagħhom.

49. Il-konvenut sostna li d-daqs u l-qisien tal-uniformijiet ġew provduti lilu mill-attriċi stess, u anki eżebixxa skambji ta' posta elettronika li juru u jsostnu dak li qal. Il-Qorti ma tistax ħlief tqis li jekk l-uniformijiet ġew provduti fil-qisien li ngħataw lill-konvenut, u dawk il-qisien irriżultaw ħżiena, mela allura dak il-fatt ma jkunx jista' jitqies imputabbli lill-konvenut. Huwa biss loġiku li: «*L'inadempimento dell'obbligazione è imputabile al debitore quando sia il risultato della sua frode o della sua colpa*»[49]. Fil-fehma tal-Qorti, l-provi juru li l-konvenut ingħata qisien li aktarx ma kienux korretti, u d-diffikultajiet fil-qisien kienu lkoll il-frott ta' dak l-iżball. Il-Qorti hawnhekk qed tirreferi għax-xiehda tal-konvenut dwar il-miżuri ta' wieħed mill-artisti prinċipali meħuda wara li kien diġà prova l-kostumi, u li rriżultawlu differenti minn dawk li kienu preċedentement provduti lilu mill-attriċi.

50. Il-Qorti jkollha wkoll tosserva li mill-provi prodotti mill-attriċi, konsistenti mix-xiehda ta' bosta persuni, kienet kospikwa l-assenza ta' provi konkreti li juru l-inadempiment tal-konvenut. Minflok dik ix-xiehda kienet konsistenti minn asserzjonijiet ġeneriċi ta' nuqqasijiet li però ma ssarfux b'mod konkret. Hekk, per eżempju, l-Qorti kienet tistenna li jitressqu provi li juru li l-qisien mogħtija lill-konvenut kienu mod, filwaqt li l-kostumi provduti kellhom qisien mod'ieħor, b'indikazzjoni ċara tad-diskrepanza f'kuntest ta' miżuri konkreti. Dan però mhux talli ma sarx mill-attriċi, talli kien il-konvenut li, anki jekk limitatament fir-rigward ta' artist wieħed, wera li n-nuqqas ma kienx ġej min-naħa tiegħu.

51. Dan in-nuqqas ta' provi min-naħa tal-attriċi huwa forsi aktar serju meta wieħed jikkonsidra li, kif irriżulta mill-provi, l-uniformijiet in kwistjoni għadhom fil-pussess tagħha u għalhekk l-attriċi kellha f'idejha l-oġġett innifsu in kontestazzjoni. Għalhekk kellha l-faċilità li tressaq dak l-oġġett bħala prova, jew inkella titlob li ssir prova tal-oġġett permezz ta' perizja, jekk ikun il-każ. Dan però l-attriċi m'għamlitux.

52. Fir-rigward tal-kuluri tal-uniformijiet tal-fizzjali provduti mill-konvenut, jidher li huwa minnu li l-kuluri tal-uniformijiet tal-fizzjali u tas-suldati ma kienux jaqblu. Dan ġie kkonfermat minn Colin Micallef[50], għalkemm l-estensjoni ta' din id-differenza ma ġietx

[49] ***Baudry Lacantinerie*** u ***Barde***, op cit, §454.
[50] Ara fol.70 'l quddiem.

ippruvata b'mod ċar, minkejja li kif diġà osservat, dawn l-uniformijiet għadhom fil-pussess tal-attriċi. Il-konvenut però jsostni li dan sar abbażi ta' kampjuni li kienu approvati mill-attriċi, wara riċerka magħmula minnu li wriet li fl-epoka in kwistjoni, s-suldati Ingliżi stazzjonati f'Malta kienu magħmula minn numru ta' reġimenti differenti.

53. Il-Qorti tqis li jekk il-konvenut mexa fuq kampjuni li kienu approvati mill-attriċi, l-ebda ħtija ma tista' tiġi mputata lilu.

54. L-episodju dwar l-uniformità, jew nuqqas t'uniformità, fil-kuluri tal-istess kostum xehdu dwarha l-konvenut, Jean Pierre Magro u Sefora Mannino. Colin Micallef, fl-affidavit tiegħu, ma qal xejn fis-sens li l-konvenut kien ipprokura materjal differenti dwar l-istess uniformijiet kontra d-direzzjonijiet tiegħu, u għalhekk il-Qorti qed tifhem li l-konvenut ma ngħatax direzzjoni mod'ieħor. Fix-xiehda ta' Magro, ntqal li l-konvenut talab l-awtorizzazzjoni li jipprokura l-uniformijiet minn provdituri differenti, liema awtorizzazzjoni ġiet miċħuda lilu fuq parir ta' Micallef. Kif rajna però din ix-xiehda ma kinitx konfermata minn Micallef. Fl-affidavit tagħha, Sefora Mannino qalet li hija nsistiet mal-konvenut (għaliex kienet hi li tkellmet miegħu, anki skont Magro) li l-uniformijiet ikunu tal-istess kulur, u tgħid li kien Micallef li ta l-istruzzjonijiet biex tintervjeni mal-konvenut. Iżda waqt il-kontro-eżami tagħha, ma kinitx tant ċara dwar l-eżitu tal-konverżazzjoni li hija kellha fuq dan is-suġġett mal-konvenut, u ddikjarat li huma kellhom jaċċettaw l-uniformijiet għaliex kienu qiegħdin tard[51]. Mhux ċar għalhekk x'kien il-ftehim bejn l-attriċi u l-konvenut dwar kif kellhom jiġu ordnati l-kuluri tal-uniformijiet, u f'materja t'interpretazzjoni tal-kuntratti, fejn ikun hemm dubju dan għandu jmur favur id-debitur, kif jipprovdi l-artikolu 1009 tal-Kodiċi Ċivili.

55. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk l-attriċi ma seħħilix turi li l-konvenut ordna l-uniformijiet in kwistjoni bi ksur tal-ordnijiet tagħha jew tal-ftehim li kien hemm bejniethom. La darba l-attriċi kellha pjan f'moħħha dwar kif kellhom jiġu l-uniformijiet, skont dak li ħejja Micallef, hija kellha tipprovdi lill-konvenut b'dak l-istess pjan. Jidher però li l-attriċi – minħabba d-diversi mpenji li kellha tlaħħaq magħhom biex tirrealizza l-proġett tagħha – inkarigat lill-konvenut mingħajr ma qiegħditu sa mill-bidu nett taħt id-direzzjoni ta' Micallef, bil-konsegwenza li l-konvenut beda jeżegwixxi l-inkarigu

[51] Ara fol.212.

tiegħu skont ir-riċerka magħmula minnu stess. Ma ġiex muri b'mod adekwat li l-konvenut ġie ordnat jibdel il-mod kif jeżegwixxi dak l-inkarigu fi żmien utili. Prova din li setgħet u kellha ssir permezz tax-xiehda ta' Colin Micallef, li minflok xehed biss dwar id-differenzi fil-kuluri, mingħajr ma spjega kif dik id-differenza kienet tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-istruzzjonijiet u tal-ordnijiet mogħtija minnu, f'isem l-attriċi, lill-konvenut.

56. Kif spjegat il-provi ma jurux lill-Qorti li l-konvenut kien negliġenti fil-mod kif eżegwixxa l-inkarigu li ngħata mill-attriċi. Anzi, l-provi juru li kienet l-attriċi li ma mxietx bid-diliġenza neċessarja fil-mod kif provdiet lill-konvenut bil-mezzi biex iwettaq l-inkarigu tiegħu. Għal dawn in-nuqqasijiet però m'għandux jaħti l-konvenut, u għalhekk it-talbiet tal-attriċi m'humiex se jiġu milqugħa.

57. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, billi din ġiet irtirata;

(ii) tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut;

(iii) tiċħad it-talbiet tal-attriċi;

(iv) tordna lill-attriċi tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur